Awturi: **Dr Charmaine Gauci** u **Dr David Pace**

acip

ADVISORY COMMITTEE ON IMMUNISATION POLICY MALTA

SPTAR MATER DEI

Saħħa Primarja

Direttorat għas-Saħħa Primarja
7, Harper Lane, Floriana
Tel: 2557 6306, 2557 6120

Direttorat għall-Promozzjoni tas-Saħħa u Prevenzjoni tal-Mard

5B, The Emporium, Triq C. De Brocktorff, Msida MSD 1421 Malta.
Tel: 2326 6000, Fax: 2326 6104, www.ehealth.gov.mt

**Ministeru għas-Saħħa**

℗2013

# Ipproteġi **lil Uliedek** Kontra **t-Tuberkolużi**



**Fuljett għall-ġenituri**

## X'inhi l-marda tat-tuberkulożi? Kif nista’ nipproteġi lit-tarbija tiegħi kontra t-tuberkulożi?

It-tuberkulożi (TB) hija nfezzjoni serja li tista’ taffettwa l-pulmun, il-moħħ, l-għadam, il-ġogi u l-glandoli. Barra minn hekk it-TB tista’ tħalli diżabilitajiet serji jew saħansitra anki twassal għall-mewt. Il-mikrobi tat-TB jinfirxu minn persuna għall-oħra meta jkun hemm kuntatt mill-qrib, bħal meta tisgħol jew tagħtas. Trabi u tfal iżgħar minn 5 snin jistgħu jiġu protetti kontra t-tuberkulożi bit-tilqima tal-Bacille-Calmette Guérin (BCG).

## Min għandu jieħu t-tilqima tal-BCG?

Il-BCG tingħata lil dawk it-trabi u tfal li qegħdin f’riskju akbar li jieħdu t-TB. Jekk inti taqa' taħt xi waħda mill-kondizzjonijiet li ġejjin uliedek għandhom riskju akbar li taqbadhom it-TB u għalhekk għandek tlaqqamhom bil-BCG:

**a)** Sieħbek/seħibtek jew inti (jew xi ħadd li se jieħu ħsieb lit-tifel/tifla) ġejjin minn pajjiż b'rata għolja tat-TB bħall-pajjiżi fl-Afrika, fir-Russja (u fil-pajjiżi ta' l-ex Unjoni Sovjetika), fl-Indja, fl-Asja t’Isfel, fiċ-Ċina (inkluż f’Hong Kong u fit-Tajwan) u fl-Amerika t'Isfel

**b)** Sieħbek/seħibtek jew inti ġejjin minn xi pajjiż ieħor fejn il-BCG tingħata lit-trabi kollha

**ċ)** Sieħbek/seħibtek jew inti (jew xi persuna oħra li se tieħu ħsieb lit-tarbija) kontu tgħixu f’pajjiż fejn hemm rata għolja ta’ TB

**d)** Jekk bi ħsiebek tieħu lil uliedek għal 3 xhur jew aktar f’pajjiż fejn ir-rata tat-TB hi għolja

**e)** Jekk it-tifel/tifla tiegħek se j/tkun qed j/tgħix ma’ xi ħadd tal-familja li għandu/ha jew kellu/ha t-TB fil-passat.



## Meta għandha tingħata t-tilqima tal-BCG?

Il-BCG, li f’Malta tingħata bla ħlas, tista’ tinbeda mit-twelid. Madankollu trabi jew tfal li qed jiġu nvestigati għall-vajrus ta’ l-HIV, jew li għandhom problema fis-sistema mmunitarja, jew kellhom kuntatt ma’ xi persuna marida bit-TB f’dawn l-aħħar 5 snin, jew qegħdin jiġu nvestigati għall-marda tat-TB m'għandhomx jieħdu l-BCG. Il-BCG tkun posposta għal aktar tard jekk it-tifel/tifla tiegħek ikollu/ha d-deni aktar minn 38°C meta jkun wasal iż-żmien biex j/titlaqqam.

## X'nistenna li jiġri wara t-tilqima tal-BCG?



Il-BCG tingħata fid-driegħ tax-xellug. Madwar 3-6 ġimgħat wara titla’ marka żgħira ħamra li tibqa' tidher għal ħafna ġimgħat. Huwa mistenni li l-marka fejn tkun ingħatat it-tilqima tnixxi jew tifforma l-qoxra. Din tfiq u tħalli marka żgħira imma permanenti.

Wara t-tilqima, tista' taħsel lit-tarbija tiegħek bħas-soltu. M'hemmx għalfejn tgħatti l-post fejn ingħatat il-BCG ħlief jekk din tibda tnixxi. F’dan il-każ għattiha b’garża imma ħu ħsieb li tibdel din il-garża regolarment. Ma’ tista’ tingħata l-ebda tilqima oħra fid-driegħ tax-xellug sa 3 xhur wara l-BCG.

## Hemm xi effetti sekondarji?

Rarament il-glandoli ta’ taħt id-driegħ jistgħu jintefħu jew tista’ titrabba ulċera fonda jew boċċa bil-materja fejn tkun ingħatat il-BCG. Jekk jiġri dan, jekk jogħġbok, ċempel iċ-Chest Unit li jinsab fiċ-Ċentru tas-Saħħa f'Ħal-Qormi fuq 2144 0177 jew kellem lit-tabib tiegħek.

## X’nagħmel issa?

It-tarbija tiegħek għandha bżonn il-BCG jekk taqa’ f’xi waħda mill-kriterji li diġa’ semmejna aktar kmieni f’dan il-fuljett. F’dan il-każ it-tarbija tiegħek se tingħata appuntament għall-BCG qabel ma toħroġ mill-isptar.

**Ritratt tat-trabi (xellug):** http://www.priestsforlife.org/blog/wp-content/uploads/2013/03/iStock-3-babies-in-diapers.jpg